MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 139/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sandra Zammit)**
**Vs**
**Carlo sive Carlos Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli nhar l-14 ta’ Ottubru, 2008, ghall-habta ta’ bejn 19:30hrs u 19:45hrs, gewwa triq il-Furnar, Qormi, volontarjament ikkaguna sfregju gravi u permanenti fil-wicc ta’ Wilfred Farrugia, skond kif iccertifika it-tabib Dr. J.C. Abela M.D. Reg. Nr. 2536 tal-Floriana Policlinic.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna lil Wilfred Farrugia jibza li se tintuza vjolenza konrih jew kontra l-propjeta tieghu.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Wilfred Farrugia sabiex jingurjah, idejqu jew jghamillu hsara.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem hazin u dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
tal-15 ta’ Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 338(dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat li kkawza offiza ta’ natura gravi (u mhux gravissima) u tat-tieni imputazzjoni u taghhom ikkundannatu hames xhur prigunerija, ma sabitux hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom.

In oltre l-Qorti sa biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Wilfred Farrugia rabtet lill-appellant b’obbligazzjoni tieghu nniffsu fl-ammont ta’ elfejn Euro (€2000) ghal perjodu ta’ sena li jibda jiddekorri minn meta jiskonta l-perjodu ta’ prigunerija fuq imsemmi li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmi Wilfred Farrugia

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet, ir-raba w il-hames akkuza, filwaqt li tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza w minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena, alternattivament tirriforma s-sentenza appellata in kwantu ghal piena mposta, billi minflok tigi mposta piena aktar ekwa w gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti :-

Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti.

Jidher illi l-prosekuzzjoni sejset il-kaz taghha **esklussivament** fuq ix-xhieda ta’ Wilfred Farrugia. Hu veru li xhud wiehed, jekk emnut hu bizzejjed biex jaghmel prova shiha, pero` fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, li Qorti toqghod fuq tali xiehda la hu ***safe*** u lanqas ***satisfactory***. Bir-rispett kollu, L-Ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet wasslet ghall-prova rikjesta mill-ligi u cioe` dik ta’ bla dubbju dettat mir-raguni, fuq ix-xhieda ta’ Wilfred Farrugia biss.

Ghalkemm **xhud wiehed jekk emmnut** hu bizzejjed biex tinstab htija wiehed jrid joqghod ferm attent. Jekk wiehed jezamina bir-reqqa d-depozizzjoni ta’ Wilfred Farrugia, facilment jikkonkludi illi dan mhux xhud kredibbli, u li dak li qal m’ghandux mis-sewwa. Fl-ewwel lok, ghalkhemm mill-provi kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, jirrizulta car illi l-incident in kwistjoni sehh ghal habta tas-sebgha u nofs ta’filaghxija, Farrugia mar jirraporta l-incident tard bil-lejl, ghal habta tal-hdax u kwart. Inoltre, kif spjega huwa stess fid-depozizjoni tieghu, lanqas biss hass il-bzonn illi jmur sabiex jinvistah tabib. Filfatt kien biss wara illi baghtu l-Ufficjal tal-Pulizija li hadlu r-rapport, u li mieghu kien allega illi gie aggrediet, li mar gewwa poliklinika sabiex jarah tabib.

Inoltre, huwa kemmxejn inverosimili illi persuna illi jigi aggrediet bil-mod illi jallega s-Sur Farrugia, fejn sahansitra jallega li kellu l-flokk kollu demm (u sahansitra ezebixxa r-ritratti ta’ dan l-istess flokk u ta’ wiccu bid-dmija) illi wara incident bhal dak jibqa barra fejn il-bieb, jitkellem ma persuna ohra, sahansitra ghal aktar minn hames minuti, u dan minghajr ma jhoss il-bzonn illi jidewwa, jew li almenu jimsah wiccu u jbiddel il-flokk kollu demm. Farrugia, fid-depozizjoni tieghu jispjega illi t-terza persuna illi kienet

ghaddejja minn hemm, gghelet lil l-appellanti u l-kwerelanti jiehdu b'idejn xulxin daqs li kieku ma gara xejn, u filfatt hekk gara. Wiehed isaqsi, kemm hu kredibbli dan ix-xhud Farrugia? Kemm  huwa possibli illi persuna illi tkun ghada kif qalghet xi erbgha daqqiet ta' ponn, b'dak id-demm kollu nizel ma' wiccha,  tibqa fil-post titkellem ma persuna ohra, qisu daqs li kieku ma gara xejn. Mhux talli, talli din l-istess persuna illi qed tara lil kwerelant b'dak id-demm kollu ma' wiccu, la ddewwieh, la thoss il-bzonn illi ccempel lil Pulizija ghal ghajnuna, u minflok itpprova tirranga s-sitwazzjoni ta' dawn it-tnejn minn nies. Allura s-Sur Farrugia, wara erbgha daqqiet ta' ponn bhal dawk, ma hassx il-bzonn illi jahrab minn fuq il-post, imur jigri gewwa daru u jcempel lill-Pulizija? Farrugia stess fid-depozizzjoni tieghu, meta xehed in kontro-ezami, ammetta illi ma ghamel xejn minn dan.
Inoltre, dan il-persuna illi jallega l-prezenza tieghu Farrugia, qatt ma gie ngunt bhala xhud tal-prosekuzzjoni.

Fid-dawl ta' dak appena suespost, wiehed isibha difficli sabiex jemmen illi l-punti li kellu bzonn jaghmel Farrugia, kienu konsegwenza ta' l-agir ta' l-appellant meta dan imbuttah. Kien hemm certu trapass taz-zmien bejn meta gara l-incident ghal meta l-kwerelant mar jintavola r-rapport tieghu. Seta facilment gara xi haga f'dak l-ispazju ta' hin. Filfatt l-appellant jghid illi huwa ma nnota l-ebda feriti fuq wicc il-kwerelant, u dan nonostante l'fatt illi kemm l-appellant u kemm il-kwerelant xehdu illi wara l-incident, huma hadu b'idejn xulxin.

L-ewwel Onorabbli Qorti, fis-sentenza taghha dehrielha illi kellha tinstab htija fl-appellant, u dan talli bid-daqqiet ta' ponn li ta lil kwerelant, ikkagunalu offiza ta' natura gravi u cioe sfregju fil-wicc. L-appellant dejjem cahad illi huwa ta xi daqqiet ta' ponn lil kwerelanti Farrugia, u bir-rispett kollu, dan jirrizulta biss mix-xhieda ta' Farrugia stess, liema xhieda mhi b'ebda mod korraborata b'xi prova ohra.

*Dato ma non concesso*, illi veru illi l-kwerelant sofra xi griehi f'dan l-incident, xorta l-appellant ma kellux jinstab hati ta' l-akkuza ta' ferita gravi li ggib sfregju fil-wicc, u dan ghar-ragunijiet segwenti.

Minn l-atti processwali jirrizulta car u ampju, illi l-imputat sempliciment imbotta lil kwerelant ghal darbtejn, bil-konsegwennza li dan seta bil-waqa habat wiccu ma’ l-art, u dan kif ammetta l-istess appellant sa mill bidu nett tal-kaz u cioe fl-istqarrija tieghu u anke fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, u dan sabiex kif spjega huwa stess, **jiddefendi ruhu minn l-aggressjoni tal-kwerelant** kif il-ligi penali stess tippermettielu li jaghmel. Ghalhekk certament ma kelliex tinstab htija fih. Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti, waslet sabiex issib htija fli-appellant, u tat importanza kbira lill fatt illi l-appellant qatt ma gie fizikament aggrediet mill-parti leza. Ghalkhemm huwa minnu illi l-appellant ammetta illi huwa qatt ma gie aggrediet mill-kwerelant, l-appellant insista u qal ukoll (u dan kemm fl-istqarrija tieghu rilaxxata a *tempo vergine*, u kemm fid-depozizjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti) illi dak il-hin huwa hassu mhedded sia bil-kliem illi qallu l-istess Farrugia, li beda jinsisti illi se jibghatlu n-nies miz-Zejtun sabiex jaghmlu ghalih u sia bil-moviment illi huwa ghamel fid-direzzjoni tieghu, u dan meta f’idejh kellu zewg basktijiet f‘idejh. Jidher ghalhekk illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, skartat kompletament il-verzjoni ta’ l-appellant.

L-appellant ghalhekk jissotometti illi la darba huwa agixxa b’dan il-mod, sabiex jiddefendi ruhu, huwa ma seta qatt jinstab hati tar-reat migjub kontrieh u kkundannat ghal terminu ta’ priginerija effettiva, izda kellu jigi ezonerat minn kull responsabilta kriminali. Dan peress illi la darba jigi ppruvat illi l-appellant agixxa b’dan il-mod sabiex jiddefendi ruhu, minghajr l-intenzjoni specifika illi jikkaguna ebda offiza fuq il-persuna tieghu, allura ai termini ta’ l-Artikolu 223 tal-Kap 9, ma sehh ebda reat: ‘*Ma hemmx reat meta…l-offiza fuq il-persuna huma…mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta’ wiehed innifsu jew ta’ haddiehor.’*

Huwa ghalhekk opportun illi wiehed jezamina bir-reqqa l-elementi rikjesti mill ligi, sabiex tigi nvokata d-difiza tal-legittima difesa. F’dan l-istadju, ssir referenza ghal kazistika. Fil-kawza fl-ismijiet, <u>ir-Repubblika ta’Malta vs Martina Galea</u>, deciza 14 ta’ Jannar tas-sena1986, il-Qorti

rreteniet illi*"… huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could."*

Mill-provi prodotti rrizulta illi l-appellanti kien mar ikellem lil Farrugia, u bil-hniena talbu sabiex ihalli lil missieru bil-kwiet, u dan peress illi xi granet qabel l-incident, l-appellanti sar jaf, (tramite terzi persuni) illi Farrugia kien qed jaqbad ma' missieru. Minn l-atti processwali jirrizulta ulterjorment illi Farrugia rritalja ghal dan il-kliem illi kien qallu l-appellanti, u filfatt beda jheddu li se jgiblu lil taz-Zejtun sabiex jiggieldulu. Kien propja f'dak il-hin illi Farrugia, l-parti leza, li f'idejh kellu zewg basktijiet, ghamel moviment fid-driezzjoni ta' l-appellanti, u hawnhekk l-appellanti, hass illi Farrugia kien se jaggredieh. Ghalhekk l-appellanti agixxa, kif kien jagixxi kull persuna ragonevoli, billi mbotta lil Farrugia, sabiex dan ma jaggrediehx. Wiehed irid jifhem illi kien dlam cappa-is-sebgha ta' filaghxija (7:00p.m) fix-xahar ta' Ottubru,igifieri l-appellant bl-ebda mod ma seta jkun jaf x'kellu gol baskett Wilfred Farrugia. Inoltre, il-moviment illi ghamel Farrugia, bil-basktijiet f'idejh sar fil-kuntest ta' hafna theddid, u rabja ghalhekk huwa ovju illi l-appellant hassu mhedded, u konsegwentement hass il-bzonn illi kellu jiddefendi ruhu minn l-aggressjoni tieghu.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghax-xhieda tat-tabib J.C Abela (Fol 39), li qal illi ghalkemm it-ticriet illi kellu fuq iz-zewg nahiet ta' wiccu l-kwerelant, huma x'aktarx kompatibbli ma' daqqiet ta ponn, ghalih, dan il-kaz kien stramb, u dan peress illi normalment, meta persuna taghti bil-ponn, tolqot l-istess naha tal-wicc, izda f'dan il-kaz partikolari, Farrugia kellu t-ticriet fuq iz-zewg nahiet ta' wiccu. La darba espert fil-materja, u cioe tabib, dehrlu illi dan kien kaz, li huwa sejjah stramb, wiehed isaqsi kif l-Ewwel Onorabbli Qorti wasslet ghal-konkluzjoni illi kien l-appellant illi kkaguna dawn l-griehi f'wicc l-appellant, bid-daqqiet ta' ponn fuq naha, u billi habat ma' l-art fuq in-naha l-ohra. Jidher ghalhekk, illi l-Ewwel Qorti, siltet

konkluzjoni ghaliha, u dan billi ma strahtix fuq il-provi prodotti quddiemha.

Fl-istqarrija, tieghu, liema gguramenta quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fix-xhieda tieghu, l-appellant spjega illi huwa qatt **ma kellu l-ebda intenzjoni li jiggieled ma' Farrugia, izda biss illi jitolbu sabiex ihalli lil missieru bi kwietu u ma joqghodtx jaqbad mieghu.** Filfatt kien biss b'kumbinazzjoni illi l-appellanti ra lil Farrugia ghaddej fit-triq u li iddecieda illi jmur ikellmu: *Mort biex inkellem lil missieri ghax jigi girien ta' Wilfred. Dan Wilfred kien jinsab gewwa Triq il-Furnar fejn ghandu l-garage missieri u x'hin rajt lil Wilfred mort inkellmu u ghidtlu biex lil missieri jhallih bi kwietu. Hu beda jlablab zejjed u jghidli li se jgibli lil taz-Zejtun u u xi nies ohra u mbghad beda jipponta subajgh lejn wicci u jien imbuttajtu u hu waqa ma' l-art. Prova jerga jqum u kompla jlablab fil-vojt u jien ergajt imbuttajtu l'isfel....ghax beda jlablab fil-vojt,* ***u jien ma kontx naf x'se jfettilu jaghmel...jien kif ghedtlek ma kontx naf x'se jaghmel dan Wilfred meta beda jipponta subajgh f'ghajnejjau ghalhekk jien iddefendejt lili nnifsi...'***

Ili anke l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) kellha okkazjoni sabiex titkellem dwar din id-difiza. Difatti fis-sentenza moghtija mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Salvu Psaila, deciza fid-9 ta' Novembru, 1963 inghad illi:-

> l-gustifikazzjoni tal-legittima difiza timplika li:
>
> 1) Id-deni li jigi repellit mill-agenti jkun ingust fil-kawza tieghu u l-attakk ta' l-assalitur ikun ingust u illegittimu u ghalkemm dan irid jigi rigwardat fis-sens intrinsiku u mill impressjoni soggettiva li jircievi l-vjolentat eppure min b'l-imgieba u kontenju tieghu, ikun kawza mmedjata qabel ma jinstab fil-perikolu ma jikkompetilux li jkollu l-impunita pjena jew shiha;
>
> 2) Id-deni jrid ikun attwali u prezenti filwaqt tar-reazzjoni; u fl-ahharnett li

> 3) Id-deni jkun inevitabbili l-ghaliex bla ma jkun hemm in-necessita` tad-difiza r-reazzjoni ta' min igib 'il quddiem il-"*feci sed jure feci*" ma jistax jghid li jkun ipprova llegittimita` ta' l-att 'per se' antiguridiku tieghu. Jinghad imbaghad li huwa accertat fid-Dottrina li d-deni minaccjat u l-perikolu sovrastanti jridu jkunu ta' gravita u bejniethom (deni minn banda u perikolu minn naha l-ohra)… irid ikun hemm proporzjonalita…

Illi f'kawza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro, deciza fis-26 ta' Awissu, 1998, intqal minn dik l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) illi:-

*'Mhux kull min 'jagixxi biex jiddefendi ruhu' necessarjament jista' jinvoka dan l-Artikolu [b'referenza ghal artikolu 223 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta]. Il-ligi titkellem car dwar il-'bzonn attwali tad-difiza legittima' ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fi-lgurisprudenza taghna hu ormaj stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi w inevitabbli. L-element tal-inevitabilita` jigi nieqes meta wiehed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia l-glied li jara gej meta dan ikun jista' b'mod ragjonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita huwa stess il-konfront fiziku.'*

Ili kif tajjeb intqal minn Lord Justice Widgery fil-kawza R vs Julien ([1969] 1 WLR 839): *'..but what is necessary is that he should demonstrate by his actions that he does not want to fight. He must demonstrate that he is prepared to temporise and disengage and perhaps to make some physical withdrawal; and that that is necessary as a feature of the justification of self-defense is true, in our opinion, whether the charge is a homicide charge or something less serious*.'

L-appellant hass illi fic-cirkostanzi huwa ma kellux triq ohra hlief dik li jiddefendi ruhu billi jimbotta lil kwerelant ghal darbtejn, bil-konsegwenza illi l-kwerelant seta habat wiccu ma' l-art, u b'hekk kellu dawk it-ticritiet f'wiccu. Zgur illi ma jistax jitqies illi l-azzjoni ta' l-appellant fic-cirkostanzi kienet wahda sproporzjonata. Dan dejjem jekk jigi koncess, illi t-ticriet li kellu f'wiccu Farrugia, kienu konsegwenza ta' l-agir ta' l-appellant, u dan stante illi, kif ga gie ribaditi, hemm **dubbju sejru** rigward il-provenjenza ta' dawn il-feriti.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fl-aghar ipotesi, l-azzjoni ta' l-appellant tinkwadra bhala reazzjoni taht provokazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 227(c), u ghalhekk l-appellant kellu jgawdi minn tnaqqis fil-piena. L-incident li nqala bejn Farrugia u l-appellant nqala eslussivament htija tal-provokazzjoni **ngusta** ta l-allegata vittma, li prova jhebb ghal l-appellant billi beda jipponta subajgh lejh, filwaqt illi jheddu.

Il-gurista Francesco Antolisei, (Antolisei, F. **Manuale di Diritto Penale – Parte Generale**, Giuffre` (Milano), 1989, pp. 394 - 395) in konnessjoni ma' l-attenwanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' l-artikolu 62 tal-Kodici Penali Taljan jghid hekk:

'La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tali fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio` l'attenuante dovra` ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita` esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto, ecc.). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto.'

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Agius, fil-5 ta' Marzu 1997, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, dik l-Onorabbli Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rekwiziti ta' l-attenwant tal-provokazzjoni u qalet illi:

Il-piena ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 325(b) tal-Kodici Kriminali hi ta' prigunerija minn hames xhur sa sena. Lewwel proviso ta' l-imsemmi artikolu 325 jipprovdi li 'meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta' l-piena ta' prigunerija tkun ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena msemmija. It-tieni proviso jghid: 'Meta tigi biex titqies l-iskuza, ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235', li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero` dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta.

Jirrizulta car mis-sentenzi precitati illi z-zewg elementi fundamentali sabiex jissusisti l-element tal-provokazzjoni hu illi l-att tal-parti l-ohra jkun wiehed ingust, u li l-parti provokata tagixxi b’mod immedjat ghal din ir-reazzjoni ingusta. M’hemmx dubju illi l-mod kif irrejagixxa l-allegata vittma, Farrugia kien wiehed ingust. Malli l-appellanti talbu biex ihalli lil missieru fil-kwiet, Farrugia kien pront jhedded lil l-appellanti u jipponta subajgh lejh..

Zgur illi ma jistax jinghad illi l-appellant huwa persuna nervuza, li taqbizlu mix-xejn u li ghalhekk mhux ta’ temperament normali-filfatt l-appellant kien ilu jheddu illi se jgiblu xi nies miz-Zejtun sabiex jiggieldu mieghu. Ssir referenza ghas-sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nazzareno Fenech, deciza fit-tmienja (8) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002), fejn il-Qorti appuntu sahqet fuq dan il-punt*: ‘Subordinatament l-appellant jinvoka l- attenwanti tal-provokazzjoni. Pero` l-ligi tirrikjedi – Artikolu 227(c) – li l-att provokatorju jkun tali li “f’nies ta’ temperament ordinarju komunement [igib] l-effett li ma jkunux kapaci jqisu l-konsegwenzi tad-delitt”, cioe`, f’dan il-kaz, tal- offiza fuq il-persuna li wettaq l-istess appellant. Il-ligi taghti dan il-beneficcju tal-attenwanti lil “nies ta’ temperament ordinarju” u mhux ukoll lil nies li c-cinga taqbzilhom ma’ l-anqas haga, kif kjarament jidher li huwa l-appellant. In fatti xejn ma jista’ jiggustifika li l-appellant aggredixxa b’mod selvagg lil hutu semplicement ghax dawn marru talbuh muftieh biex jaghmlu kopja tieghu.’*

Minghajr pregudizzju ghal l-aggravji suesposti, l-appellant iqis illi in *ogni caso*, l-piena erogata fuqu minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, kienet wahda sproporzjonata, u mhux ragonevoli ghal fatti speci tal-kaz.

Jigi rilevat illi fic-cirkostanzi, l-appellant qatt ma kellu jinghata terminu ta' prigunerija effettiva. L-appellant mhux xi persuna illi ghandu fedina penali refrettarja, u ghalkhemm l-ewwel Onorabbli Qorti, ghamlet referenza ghal dan il-fatt meta giet biex teroga l-piena, jidher umbghad illi dan il-fatt skartatu ghal l-ahhar meta giet biex tikkalibra l-piena, u ghalhekk dawn l-istess konsiderazzjonijiet ma gewx riflessi fis-sentenza.

Inoltre, jidher car illi f'kazijiet simili ta' offiza gravi fil-wicc, il-Qorti dejjem kienet propensa illi timponi terminu ta' prigunerija sospiza jew sahansitra multa.

Ssir referenza ghal diversi kazijiet decizi mill-Qrati nostrana kif diversament preseduta, fejn tul is-snin, persuna li kienet akkuzata b'offiza ta' natura gravi fuq persuna ohra, inghata sentenza sospiza jew sahansitra multa. Kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell snin ilu, ossia fis-sena 1958, precizament fil-15 ta' Frar, il-Qorti kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, li kkundannat ₤15 lil persuna illi kienet ikkagunat sfregju fil-wicc, bl-iskuzanti tal-passjoni istantaneja.

Fil-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Fortunato Sultana</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-hamsa (5) ta' Frar 1998, l-appellant gie kkundannat ghal hamis mitt lira (Lm500) multa, u dan meta kien akkuzat talli kkaguna ferita illi ggib sfregju fil-wicc. Similarment, f'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-27 ta' Gunju 2002, il-Qorti kkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li kkundannat lil l-appellant ghal hames mitt lira multa *anzi che* termini ta' prigunerija, u dan talli kkaguna ferita gravi fil-wicc ta' persuna ohra. Fil-kawza fl-ismijiet <u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Moamr Ali Melad Eltarhuni</u>, deciza mill-Qorti Kriminali fid-9 ta' Marzu, 2010, l-akkuzat gie kkundannat ghal termini ta' prigunerija ta' sena u dan talli kkaguna ferita ta' natura gravi bi

strument li jaqta’ w iniggez, b’dana pero’ li r-reat hu skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li hu kien taht l-influwenza mmedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista’ jqis l-eghmil tieghu, u kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu sikkina b’xafra w bil-ponta minghajr id- debita licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija u li b’din l-arma hu ipprova joqtol lill-Shokri Ali Alalwani w iwegga lil Aimen Al Ghanemi. Meta wiehed jezamina dan il-kaz, illi kien ferm aktar serju mill-kaz odjern stante illi l-vittma kien kwazi ser jitlef hajtu, wiehed iktar jifhem illi terminu ta’ prrigunerija ta’ hames xhur huma sproporzjonati ghal fatti tal-kaz odjern. Il-kaz in ezami kien hafna inqas serju minn dak appena citat, fejn l-allegat vittma kellu biss xi ticriet f’wiccu.

F’dan is-sens, fl-umli fehma ta’ l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenan u accettat, fil-kuncett ta’ gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta’ llum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali, datata 25 ta’ April 2006, per Onor Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet; Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta’ prigunerija ta’ sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta’ servizz fil-komunita a tenur ta’ l-Artikolu 11 tal-Kap. 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta’ prigunerija ta’hmistax-il (15) xahar imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accenat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta’ prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f’dan il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu.

Fil-kawza l-Pulizja vs Carmen Buttler, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Frar, tas-sena

elfejn u disgha (2009), il-Qorti kkristalizzat propju dan il-principju, u cioe illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel l-Ewwel Qorti, **sakemm ma jigiex manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti, tkun naqset milli tat importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari** tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

F'dan l-istadju, ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' <u>Il-Pulizija vs Charlot Aquilina</u>, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkhemm l-akkuzi kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu Ordni *ta'Probation*.

Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga… u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru *urine sample tests* lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, <u>Il-Pulizija vs Rimar Hatherly u Justin Farrugia</u>, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru,

2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: '*Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija v. George Farrugia</u>: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh.* ***Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.***

La darba l-Qrati taghna jhossu li kellhom jkunu klementi anke ma' persuni b'fedina penali refrettarja, allura kemm kellha aktar tkun klementi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma persuna bhal l-appellant li huwa ta' kondotta tajba, b'mizewweg b'zewg it-tfal u li dejjem hadem u stinka, kif jista facilment kkonstatat mil-*work history* tieghu. Ghal dan il-ghan l-appellant minn issa qed jirrizerva d-dritt illi

jezebixxi r-record ta' impjieg tieghu quddiem din l-Onorabbli Qorti.
In oltre, l-appellant ihoss illu ghandu jsir *pre-sentencing report,* sabiex b'hekk din l-Onorabbli Qorti, tkun f'pozizzjoni ahjar li tifhem x'tip ta' persuna huwa l-appellant.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-erbatax (14) ta' Ottubru, 2008 ghall-habta ta' 7:30 pm l-appellant mar izur lil missieru gewwa Hal Qormi. Kif wasal hemm ra lill- parti leza quddiemu u ddecieda li jmur ikellmu peress illi xi jiem qabel l-appellant sar jaf li l-parti leza kien qabad ma missieru u kien qieghed jaghtih fastidju. Hawn hekk inqala' ncident bejniethom fejn l-appellant jammetti illi ghal darbtejn imbotta lill-parti leza Wilfred Farrugia. Dan ta' l-ahhar kellu feriti fuq iz-zewg nahat tal-wicc u skont it-tabib li ezamina lil Farrugia l-feriti kienu kompatibbli ma daqqiet ta' ponn. L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi ma kellha l-ebda dubbju illi kien l-appellant li pprovoka l-incident u Farrugia ma ghamel xejn li b'xi mod seta' jiskuza l-uzu ta' vjolenza fizika da parti ta' l-appellant. L-ewwel Qorti wkoll waslet ghall-konkluzjoni illi l-feriti li soffra Farrugia kienu dawk deskritti fl-Artiklu 216 (1)(b) tal-Kap 9 u ma kellhomx ghalhekk jigu deskritti bhala offizi gravissimi imma biss offizi gravi. Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat li hija kwazi netta u l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija pero' deherilha, mehud in konsiderazzjoni n-natura tar-reati b'mod partikulari l-uzu ta' vjolenza, illi dan il-kaz kien jimmerita piena ta' prigunerija.

Ikkunsidrat.

B'verbal tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembur, 2011 (fol 83) l-avukat Edward Gatt li ppatrocinja lill- parti lesa Wilfred Farrugia ddikjara illi l-appellant hallas id-danni kollha u llum m'hemmx aktar pendenzi bejn l-appellant u Willfred Farrugia. Dan ta' l-ahhar esprima x-xewqa li l-gar tieghu ma kellux imur il-habs.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti mhijiex aversa ghall-appell bhal dan. Fil-waqt illi bhall-ewwel Qorti tikkundanna bl-aktar mod deciz u kategoriku l-uzu ta’ vjolenza, l-fatt illi llum il-peritjiet irrangaw il-pendenzi ta’ bejniethom jimmilita lill-Qorti favur ix-xewqa tal-parti leza illi l-appellant me kellux imur il-habs. Il-Qorti thoss illi f’dawn ic-cirkostanzi u stante illi ma saritx xi hsara kbira lill-persuna ta’ Wilfred Farrugia, filwaqt illi tikkonferma fejn sabet il-htija, jkun il-kaz ta’ riforma fejn tirrigwardja l-piena.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tikkonferma s-Sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet (3), r-raba’ (4) u l-hames (5) akkuza u wkoll tikkonfermha fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza u tirriforma s-Sentenza ghal dak li jirrigwardja l-piena fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma l-kundanna ta’ hames (5) xhur prigunerija tordna, illi wara li rat l-Artiklu 28(a) tal-Kap 9 dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-lum. Din l-Qorti wkoll tikkonferma l-ordni illi ghamelt l-ewwel Qorti ghas-sigurta ta’ Wilfred Farrugia fejn rabtet lill-appellant b’obbligazzjoni tieghu nnifsu fl-ammont ta’ elfejn Euro (€2,000) ghall-perjodu ta’ sena u jibda jiddekorri mid-data ta’ din is-Sentenza li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmi Wilfred Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------